MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 57/2010

**Frank Camilleri**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Frank Camilleri fil-21 ta' Dicembru 2010 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevedi d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li timponi fuqu Penali Amministrattiva u konsegwentement jirrevoka tali decizjoni u jilliberah minn kull akkuza migjuba fil-konfrornt tieghu, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta pprezentata fit-12 ta' Jannar 2011, permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li r-Rikorrent kjarament ivvjola r-Regolament 42 tar-Regolamenti Dwar

Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri u ghalhekk id-decizjoni taghha fil-konfront tieghu hija korretta u ghaldaqstant ghandha tigi kkonfermata;

Sema’ x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tat-8 ta’ Frar 2011[1], tad-29 ta’ Settembru 2011[2] u tas-29 ta’ Mejju 2012[3] u ra d-dokumenti minnu esebiti permezz ta’ Nota pprezentata fit-8 ta’ Frar 2011 u markati Dok. “FC1” sa’ Dok. “FC4” a fol. 19 sa’ 23 tal-process u d-dokument minnu esebit waqt is-seduta tad-29 ta’ Settembru 2011 markat bhala Dok. “RM1” a fol. 31 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Raymond Tabone[4] u ta’ PC 975 Paul Abela[5] moghtija waqt is-seduta tad-9 ta’ Mejju 2011 u sema’ x-xhieda ta’ Sylvia Grech moghtija waqt is-seduta tad-29 ta’ Mejju 2012[6];

Sema’ t-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B’ittra datata 16 ta’ Awwissu 2010[7] ir-Rikorrent gie infurmat mill-Awtorità intimata li l-istess Awtorità kienet qed timponi fuqu Penali Amministrattiva ta’ €500 u 50 Punti ta’ Penali minhabba ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri stante li in segwitu ghall-ispezzjoni *li saret minn Ufficjal/i ta’ l-Infurzar nhar il-Gimgha 19 ta’ Frar 2010, fil-Port ta’ l-Imgarr, l-Imgarr, Ghawdex, ghall-habta ta’ 12:35hrs … jirrizulta li waqt li kont qieghed taghmilha ta’ xufier tal-vettura bin-numri ta’ registrazzjoni LVY040 ghamilt venda f’post mhux awtorizzata*. Ir-Rikorrent ressaq ir-

1 Fol. 24 u 25 tal-process.
2 Fol. 32 tal-process.
3 Fol. 43 tal-process.
4 Fol. 27 u 28 tal-process.
5 Fol. 29 tal-process.
6 Fol. 44 sa’ 46 tal-process.
7 Dok. “FC1” a fol. 20 tal-process.

rapprezentazzjonijiet tieghu ghad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata permezz ta' ittra datata 25 ta' Awwissu 2010[8] izda dawn ma gewx accettati mill-Awtorità li b'avviz datat 23 ta' Novembru 2010[9] ikkonfermat id-decizjoni taghha fil-konfront tieghu u effettivament imponiet fuqu Penali Amministrattiva ta' €500 u 50 Punti ta' Penali. Peress illi hassu aggravat b'tali decizjoni, ir-Rikorrent istitwixxa l-proceduri odjerni ghar-revizjoni u konsegwenti revoka ta' din id-decizjoni.

L-Awtorità intimata bbazat u tibqa' ssosstni d-decizjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrent fuq rapport li sarilha minn certa Sylvia Grech li ghandha negozju ta' Incoming Tourism Agent u Excursion Organiser b'ufficcju sitwat faccata tat-Terminal l-Imgarr, Ghawdex, u dan kif jirrizulta b'mod car mix-xhieda ta' EO 23 Raymond Tabone[10] u mix-xhieda ta' PC 975 Paul Abela[11]. Meta din Sylvia Grech xehdet quddiem it-Tribunal waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012[12] iddikjarat illi *fid-19 ta' Frar 2010 ghall-habta tan-12:30p.m. kien hemm grupp ta' sitta minn nies li nofshom gew ghandi l-ufficju u nofshom baqghu fil-genb l-iehor tat-triq u talbuni biex noffrilhom l-excursions, il-prezzijiet u kollox. Jiena ghedtilhom x'ghandi x'noffri, accettaw excursion u qaluli li kienu ser igibu lill-ohrajn. Imbaghad qassmu t-triq u sadanittant is-sur Frank Camilleri li kien qieghed fit-taxi stand qasam it-triq jigri ghal fejnhom u nissponi li kissirli l-prezz u narah jibghathom 'il barra ghall-main road fejn hemm il-bus stop u l-ghassa tal-Pulizija vicin. Dan mar jigri got-taxi tela 'l fuq ghax dak ghandu garaxx il-Qala mhux 'l boghod mix-Xatt. Jiena sadanittant mort l-ghassa u kien hemm is-Surgent Paul Abela u gbidtlu l-attenzjoni u ghedtlu li gew grupp ta' sitta li gew ghandi u bbukjaw excursion, u li kien tiela' ghall-mini bus u din mhux l-ewwel darba li ghamilha din il-bicca xoghol u anki lili ghamilha. Hu kien bi hsiebu jghabbihom minn gol-bus stop. Dakinhar kien hemm bus stop ghax ricenti nehhewha. Qadna nistennew hemmhekk jiena u s-Surgent Paul Abela u dan nizel bil-vann, tefghu*

---

[8] Dok. "FC3" a fol. 21 u 22 tal-process.
[9] Dok. "FC4" a fol. 23 tal-process.
[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011, fol. 27 u 28 tal-process.
[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011, fol. 29 tal-process.
[12] Fol. 44 sa' 46 tal-process.

*fuq il-bus stop, is-Surgent qallu "hawn x'bi hsiebhek taghmel" hu injorah, ghabbihom u telaq 'l fuq. Imbaghad huma baghtu lil ta' l-ADT u ghedtilhom din l-istess storja wkoll.* In kontro-ezami in risposta ghall-mistoqsija *nghid sew li fil-mument ta' dan l-inkotru kollu ma' dawn it-turisti il-vettura LWY040* [recte: LVY 040] *il-vann tar-rikorrent ma kienx fl-Imgarr, Ghawdex?* Slyvia Grech irrispondiet *ma kienetx, certa hundred percent*.

Ir-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata in bazi ghall-affermazzjoni li dakinar tad-19 ta' Frar 2010 huwa ma ghamel xejn li jikkostiwixxi vjolazzjoni u ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri. In effetti fir-Rikors promotur tieghu jesponi l-kontestazzjoni tieghu ghad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata bil-mod segwenti: *fil-gurnata in kwistjoni l-esponenti, li huwa wkoll operatur ta' taxi, kien gie avvicinat minn grupp ta' passiggieri li xtaqu jmorru f'destinazzjoni partikolari. Peress illi wahda mill-passiggieri kienet tuza siggu bir-roti, huwa offra li jwassalhom fid-destinazzjoni taghhom bil-van tieghu u cioè l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LVY040. Sussegwentement il-mittenti telaq mill-Port u mar igib l-imsemmija vettura mill-garaxx tieghu fil-Qala u sab lill-imsemmija passiggieri jistennewh fi-Triq l-Imgarr. Illi mill-fatt ma jirrizultax li kien hemm ksur tar-regolament 42 kif allegat mill-Awtorità intimata peress li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LVY040 ma tqieghdetx jew thaddmet ghall-kiri ai termini ta' l-imsemmi regolament. Illi lanqas ma jirrizulta li l-mittenti ghamel venda f'post mhux awtorizzat.* Meta xehed waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2011[13] ir-Rikorrent stqarr f'iktar dettal illi *jiena ghandi business ta' taxi service u garage hire. Fid-19 ta' Frar 2010 kont ix-Xatt ta' l-Imgarr bit-taxi tieghi. Kien hemm xi turisti li ftehmt maghhom li nehodhom dawra madwar Ghawdex. Peress illi wahda minnhom kienet bil-wheelchair, biex inkun nista' nakkomodhom ahjar, ghedtilhom li kont ser nehodhom bil-vann minflok bit-taxi. Jiena fil-fatt kelli van ipparkjat fejn id-dar tieghi li tinsab il-Qala, mort gibtu u hadthom din id-dawra. It-taxi tieghi li originarjament kont ninsab bih ix-Xatt l-Imgarr igib in-*

[13] Fol. 24 u 25 tal-process.

*numru LWY-238. Il-van igib in-numru ta' registrazzjoni LVY-040 u huwa tat-tip Toyota Hiace li huwa licenzjat bhala garage hire fuq ismi. Dawn in-nies baqghu jistennewni hdejn il-petrol station ta' l-Imgarr, u jiena mort gibt il-van u mort lura l-Imgarr u ghabbejthom. Dak il-hin avvicinani Pulizija li talabni l-particulars tieghi. Jiena tajtu n-numru tal-karta ta' l-identità kif ukoll ismi u kunjomi u hu qalli li imbaghad nista' mmur. Fil-fatt wara li tajtu d-dettalji, ghabbejt in-nies fil-van u mort.* In kontro-ezami waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012[14] ir-Rikorrent ikkonferma li *l-ftehim li jiena kelli mat-turisti in kwistjoni kien li indawwarhom dawra ma' Ghawdex. Peress li wahda minnhom kienet fil-wheelchair offrejtilhom li nehodhom ghal din id-dawra b'vettura ohra u l-vettura l-ohra kellha l-Y plate. Jiena ltqajt ma' dawn it-turisti x-xatt, ghall-ewwel kienu erbgha imbaghad giet il-hames wahda, u nerga' nghid li peress li wahda minnhom kienet bil-wheelchair ma stajtx inwassalhom bil-karozza li kelli. Jiena ma thallastx ta' dan it-tragitt minn qabel*.

Ghalkemm ir-Rikorrent jipprova jirribatti l-akkuza u konsegwenti decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu in bazi ghall-affermazzjoni li dakinhar tad-19 ta' Frar 2010 il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LVY-040 ma kenitx tinsab ix-Xatt ta' l-Imgarr u ghalhekk ma setghax u ma kienx hemm vjolazzjoni da parte tieghu tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, fil-fehma tat-Tribunal tali argumentazzjoni hija insostenibbli in kwantu bbazata fuq interpretazzjoni semplicistika u superficjali ta' l-imsemmi Regolament.

Mill-provi prodotti u senjatament mid-dokument Dok. "RM1" esebit mir-Rikorrent waqt is-seduta tas-29 ta' Settembru 2011 jirrizulta li ir-Rikorrent ghandu favur tieghu Licenza ta' Operatur ghall-Garr Stradali ta' Passiggieri u li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LVY-040 hija vettura inkluza f'din il-licenza bhala vettura ghall-garr ta' passiggieri. Minn dan isegwi ghalhekk li r-Rikorrent huwa, fl-uzu tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni LVY-040, obbligat li jissoreva r-

[14] Fol. 43 tal-process.

Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri, inkluz naturalment ir-Regolament 42.

L-imsemmi r-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri jiddisponi li *l-ebda vettura ghall-garr tal-passiggieri m’ghandha titqieghed jew tithaddem regolarment ghall-kiri: Izda l-ferroviji minghajr binarji jithallew jistennew biex jinkrew f’post ta’ tluq approvat mill-Awtorità.* Fit-test Ingliz dan ir-Regolament jaqra hekk: *No passenger transport vehicle shall stand or ply for hire: Provided that trackless trains shall be allowed to stand for hire at a departure point approved by the Authority.* Ai termini tar-Regolament 2 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri *‘ply for hire’ means to drive on the road to search for or be available for hire* u t-test bil-Malti jiddisponi li *‘talba ghall-kiri’ tfisser li ssuq fit-triq li tfittex jew li tkun lesta ghall-kiri*. Fl-imsemmija Regolamenti ma hemmx tifsira ta’ ‘titqieghed regolarment ghall-kiri’ jew *stand for hire* izda ghall-fini ta’ tali tifsira tista’ u fil-fatt ghandha ssir referenza ghar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi, Legislazzjoni Sussidjarja 499.59, li huma l-unika kategorija ta’ vetturi li ai termini tal-Ligi, salv il-*proviso* tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri, li jistghu jivvjaggaw jew jistennew biex jinkrew[15] jew kif jiddisponi t-test bl-Ingliz ta’ dawn ir-Regolamenti *only motor vehicles which have been granted a taxi licence by the Authority may ply or stand for hire*. Ai termini tar-Regolament 2 tar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi *‘tistenna ghall-kiri’ tfisser fir-rigward ta’ taxi li tistenna li tinkera fuq venda u fir-rigward ta’ mini cab li tahdem bl-elettriku, li tistenna fuq venda ta’ mini cab li tahdem bl-elettriku, lesta biex taccetta talbiet ghall-kiri*, u fit-test bl-Ingliz *‘stand for hire’ means, in the case of a taxi, to wait on a taxi stand, and in the case of an electric mini cab, to wait on an electric mini cab stand, ready to accept requests for hire*.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog car ghalhekk li l-iskop wara r-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri huwa li servizz provdut

[15] Regolament 19 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Taxi.

b’vettura licenzjata ghall-garr ta’ passiggieri ma jigix offrut bl-istess mod kif jigi offrut servizz b’vettura licenzjata bhala taxi. Fi ftit kliem serivzz offrut b’vettura licenzjata ghall-garr ta’ passiggieri ma jistax u ma ghandux jigi hekk offrut billi wiehed jistenna jew idur fit-triq joffri tali servizz.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalkemm l-imsemmi Regolament 42 jipprovdi li *l-ebda vettura ghall-garr tal-passiggieri m’ghandha titqieghed jew tithaddem regolarment ghall-kiri,* jista’ jkun hemm u effettivament ikun hemm ksur ta’ tali Regolament anke f’kaz li l-vettura *per se* ma tkunx fizikament *standing or plying for hire*, li huwa appuntu dak li gara fil-kaz in ezami. In effetti ghalkemm il-vettura bin-Numru tar-Registazzjoni LVY-040 kienet, fil-mument li gie konkluz in-negozju bejn ir-Rikorrent u t-turisti li eventwalment hadhom dawra madwar Ghawdex b’dik l-istess vettura, ma kenitx ix-Xatt l-Imgarr, mill-provi prodotti – u anke mix-xhieda tar-Rikorrent stess – jirrizulta li r-Rikorrent kien ix-Xatt l-Imgarr fuq *taxi stand* u ghalhekk effettivament *standing for hire*. B’hekk is-servizz ta’ garr ta’ passiggieri bil-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni LVY-040 gie offrut mir-Rikorrent b’mod ghal kollox in vjolazzjoni tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri.

Il-fatt li r-Rikorrent kien validament u legalment *standing for hire* ix-Xatt l-Imgarr ghaliex huwa licenzjat bhala taxi driver bl-ebda mod ma jissana l-agir tieghu u b’hekk jirrendih konformi ma’ dak provdut fir-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri. Ghalkemm ir-Rikorrent seta’ kien validament u legalment *standing for hire* ix-Xatt l-Imgarr bit-taxi tieghu, huwa ma kellu ebda dritt li f’tali posizzjoni joffri u addirittura jikkonkludi negozju ta’ garr ta’ passiggieri b’vettura licenzjata ghal tali skop. Il-verità hi li r-Rikorrent abbuza mid-dritt moghti lilu bis-sahha tal-licenzja bhala taxi driver *to stand or ply for hire* biex joffri u jikkonkludi negozju b’vettura licenzjata ghall-garr ta’ passiggieri ai termini tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri li ai termini tal-Ligi ma setax jigi konkluz b’dak il-mod. Kemm-il darba t-Tribunal kellu jaccetta u b’hekk jissana l-agir tar-Rikorrent, ikun

effettivament qed jippermetti li jsir abbuz lampanti tar-Regoli li jirregolaw is-settur ta’ garr ta’ passiggieri.

Il-fatt li r-Rikorrent in verità ma setghax jagixxi kif agixxa dakinhar tad-19 ta’ Frar 2010 jirrizulta wkoll minn dak dispost fir-Regolament 21(2) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Taxi – *taxi ghandha tintuza biss f’servizzi ta’ taxi mill-operatur li taht il-licenza tieghu tkun registrata sakemm ma jkunx awtorizzat xort’ ohra mill-Awtorità: Izda l-uzu ta’ taxi bil-ghan ta’ tehid ta’ azzjoni urgenti li tista’ tkun mehtiega biex tipprevjeni jew tnaqqas il-hsara jew griehi kawzati minn sitwazzjoni ta’ emergenza li tohloq riskju immedjat ghas-sahha jew hajja ta’ persuna jew persuni m’ghandux jitqies li jikser din id-disposizzjoni*, u fir-Regolament 27(3) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri – *vettura ghall-garr tal-passiggieri registrata fir-Registru ghall-Garr ta’ Passiggieri ghandha tintuza biss fl-operazzjonijiet ta’ garr stradali mill-operatur li taht il-licenza tieghu tkun registrata sakemm ma jkunx awtorizzat mod iehor mill-Awtorità: izda l-uzu ta’ dik il-vettura bil-ghan li tittiehed azzjoni urgenti mehtiega sabiex tipprevjeni jew tnaqqas id-danni jew hsara kagunati b’sitwazzjoni ta’ emergenza li tkun ta’ riskju immedjat ghas-sahha jew hajja ta’ persuna jew persuni m’ghandux jitqies bhala ksur ta’ din id-disposizzjoni.*

Minn dawn ir-Regolamenti johrog car li l-vetturi hekk licenzati f’kategorija specifika – fil-kaz in ezami taxi u vettura ghall-garr ta’ passiggieri – ghandhom jintuzaw skond kif tipprovdi u tirrikjedi dik il-licenza u b’hekk in konformità mar-Regolamenti applikabbli. L-unika eccezzjoni gustifikata tkun biss f’kaz ta’ sitwazzjoni ta’ emergenza li tkun ta’ riskju immedjat ghas-sahha jew hajja ta’ persuna jew persuni, sitwazzjoni din li ma irrizultatx fil-kaz in ezami.

Ghalhekk fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz l-Awtorità intimata kienet korretta f’li tagixxi fil-konfront tar-Rikorrent fuq ir-rapport li sarilha minn Slyvia Grech dwar dak li gara x-Xatt ta’ l-Imgarr nhar id-19 ta’ Frar 2010 peress illi r-Rikorrent effettivament agixxa in vjolazzjoni tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri.

Ghalkemm tul is-smigh tal-kawza saret hafna enfasi fuq il-kwistjoni dwar jekk ir-Rikorrent ghabbiex lit-turisti minn fuq venda tal-karozzi tal-linja jew le, in verità din il-kwistjoni ftit li xejn ghandha rilevanza fil-kuntest ta' dawn il-proceduri. In effetti anke jekk ikollu jigi kkunsidrat li r-Rikorrent ma ghabbiex it-turisti minn fuq venda tal-karozzi tal-linja xorta wahda jibqa' l-fatt li huwa kiser ir-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri u ghaldaqstant ghandu jigi debitament ippennalizzat ghal tali ksur..

A tenur ta' l-Artikolu 108(2) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri *l-Awtorità ghandu jkollha s-setgha fid-diskrezzjoni taghha li timponi l-penalitajiet amministrattivi preskritti fil-kolonna 3 tad-Disa' Skeda u l-punti tal-penali korrispondenti ikkalkulati skond is-subregolament (4) kull xufier li jikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti inkluzi fil-kolonna 1 tad-Disa' Skeda.* Is-subregolament (4) jiddisponi li *l-Awtorità ghandha timponi punt ta' penali ghal kull ghaxar euro (€10) jew parti minnu impost fuq persuna bhala penali amministrattiva skond dan is-subregolament.* Mid-Disa' Skeda tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri jirrizulta li ghall-ksur tar-Regolament 42 ix-xufier jehel Penali Amministrattiva ta' €500 li b'applikazzjoni tar-Regolament 108(4) taghti lok ghall-imposizzjoni ta' 50 Punti ta' Penali. Minn dan jirrizulta ghalhekk illi d-decizjoni finali li l-Awtorità intimata hadet fil-konfront tar-Rikorrent hija gusta u korretta u ghaldaqstant timmerita li tigi kkonfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata mgharrfa lilu b'avviz datat 23 ta' Novembru 2010.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------